# TIFKIRIET TAL-GWERRA

FESTA SANT' ANDRIJA

## Ta' ĊETTINA DARMENIA BRINCAT MIL (Lond), Dipl (Fr) Grenoble

Meta għal xis-sebgħa ta' filgħodu fil-11 ta' Ġunju 1940 instemgħet f'Ħal Luqa s-s-sirena taghti s-sinjal ta' l-ewwel ħbit mill-ajru, jiena ta' tifla li kont flimkien ma' ħuti Ġorġ, Felix (illum mejta) u Indrì (li jinsab Melbourne), tlajna t-taraġ li kien hemm fil-bitħa tad-dar tagħna fil-pjazza ta' Ħal Luqa biex naraw l-ewwel arjuplani ta' l-għadu li kienu fl'għoli. Ommi marret tqajjem lil ħija Toni u qaltlu "Air Raid, Air Raid"... dan qam... bombi bdew jisplodu. Kulħadd jiġri lejn il-knisja. In-nies kulħadd igħajjat u jibki!

Kien hemm min ma nħakimx mill-biża' u sammar għajnejh iħares lejn l-ajruplani Taljani li bdew jleqqu fix-xemx. Niftakar id-dar ta' ħdejna, tal-familja Azzopardi – kellhom kenn taħt it-taraġ. Fi żmien il-gwerra l-iskola saret il-*Quarters* tas-suldati. Jiena ma' tfal oħra bħali morna nitgħalmu f'kamra fi Triq il-Gudja ma' Miss Lucy Galea u mbagħad f'kamra ta' dar oħra f'St Mary Street ma' Mr Andrew Penza.

Mhux 'il bogħod minn Ħal Luqa kellna l-fortizza ta' San Ġakbu u wkoll l-ajrudrom. Darba l-ġurnata ta' l-iskola għaddejnieha f'xelter f'Gudja Road. Ir-*raid* baqa' sejjer sa l-erba' ta' wara nofsinhar. Grazzi lil Ġużeppa Bonniċi s-sid tax-xelter li tatna galletti u tè biex nitrejqu.

Kien ghadu lanqas intemm l-ewwel ħbit mill-ajru li ma bdewx jaslu f'Ħal Luqa refuġjati mill-Kottonera. Niftakar il-familha Galea li kellhom tlett ghalliema Vincent, Lucy u Antoinette. Kelli x-xorti li nkun sena wara l-oħra fil-klassijiet tagħhom. Waqt li r-refuġjati bdew jaslu Ħal Luqa, il-Ħal Luqin bdew ibewxu mir-raħal bil-mijiet. Il-familja tiegħi kienet fost dawk il-ftit familji li bqajna noqgħodu Ħal Luqa. Ħafna marru lejn il-Qrendi.

L-ewwel Xeltrijiet kienu xi mejda ta' l-injam b'xi saqqu jew tnejn fuqha f'rokna tad-dar, xi kamra jew taraġ imsaħħaħ bi twavel ħoxnin jew xi kamra f'oħra. Kulħadd kien jipprova jara x'jagħmel fid-dar biex iserraħ rasu. Iżda fl-aħħar bdew jitħaffru x-xelters. Niftakar lil missieri jħaffer xelter żgħir fil-ġnejna tad-dar. F'dan ix-xelter, ankè kienu twieldu tfal, illum irġiel u nisa. Iżda meta nfetaħ ix-xelter il-kbir tal-pjazza missieri ħaffer kamra f'dan ix-xelter. Fix-xelter tal-pjazza kellna kamra li kienet użata bħala kappella fejn kien jiġi ċċelebrat il-quddies minn Dun Ġużepp Callus.

Niftakar l-*Air Raid* il-kbir tad-9 ta' April, 1942. Ma' tfal oħra kont mort niġbor z-zkuk tas-siġar biex inqabbdu n-nar. F'dan l-*Air Raid* inqbadna ħdejn l-ajruport. Fittixna xelter. Jiena stkennejt fix-xelter ta' Parish Street. Imbagħad mort fix-



*Il-Każin tal-Banda Sant'Andrija mġarraf - 1941.*

xelter fejn kien hemm Ommi – f'dak tal-pjazza. Meta spiċċa dan l-attakk qawwi nilmaħ lil ħija Indrì fil-pjazza jitlob l-għajjut għax il-familja tiegħu kienet ser tegħreq għax bomba faqqet fuq il-ġibja ħdejn ix-xelter f'St Mary Street. B'xorti tajba, kollha kienu salvaw!

L-ewwel vittma f'Ħal Luqa kien Pawlu Magri ta' sittax-il sena. Kien il-Ħadd 22 ta' Settembru 1940 fil-ħdax u kwart ta' filgħodu – disa' ajruplani attakkaw l-ajruport. Kif ra l-bombi neżlin Pawlu Magri telaq jiġri għax-xelter ta' Grezzju Gatt – wieħed mill-ġirien – iżda ma laħaqx wasal... safa mejjet tal-kolp ħdejn iċ-ċimiterju ta' San Tumas.

Fil-bidu tal-gwerra ħafna djar f'Ħal Luqa ġew meħuda bħala kwartieri għas-suldati Ingliżi. Ħafna kienu jaqilgħu xi sold jaħslu l-ħwejjeġ tas-suldati Ingliżi. Toni Brincat (ħija) kellu bħal *Laundry* fi Triq il-Parroċċa. Oħti, Ġużeppa Camilleri flimkien ma' xi tmien nisa oħra kienu jaħdmu f'din il-*laundry*. Malli bdiet il-gwerra l-irġiel qegħda f'Ħal Luqa spiċċaw għax ix-xogħol żdied. In-nies tal-ġebel anqas setgħu jlaħħqu mat-tħaffir tax-xeltrijiet.

Is-sena 1942 kienet sena ta' tifrik, ġuħ u mewt. Matul Marzu ta' dik is-sena twaddbu b'kollox 2,170 tunnellati ta' bombi. L-attakki ħraxu mill-20 tax-xahar 'il quddiem. Dakinhar beda skond it-Taljani "l-attakk il-kbir mill-ajru kontra Malta". Dan l-attakk kompla sejjer sa l-aħħar ta' April. Mis-6,730 tunnellati ta'bombi li twaddbu, 805 minnhom niżlu fuq l-ajruport ta' Ħal Luqa. Fl-attakk tad-9 ta' April f'xelter fi Triq Papa Innoċent, minn 32 irnexxielhom isalvaw 9 biss fosthom Mena Attard li m'ilux kelli x-xorti nżurha lilha u lill-familja tagħha f'Melbourne u wara ġiet żjara f'Malta. B'tifkira tal-vittmi minn Ħal Luqa għeluq il-50 sena mill-aħħar gwerra dinjija ġie mikxuf monument fi Triq Sant'Andrija.

Fis-7 ta' April, 1941 kien beda r-razzjon. Il-kontroll li kien hemm qabel f'Ħal Luqa kien fasslu s-Surmast Penza. Minħabba l-ġuħ li kien hawn konna nieklu nake l-ħarrub! Kellna wkoll il-*Victory Kitchens*.

Kien il-15 ta' April, 1942 li r-Re Ġorġ VI ta lil Malta l-akbar ġieħ li setgħet tagħti l-Ingilterra għall-qalubija li Malta wriet kontra l-għadu — il-*George Cross*. Id-dekorazzjoni ntweriet f'ħafna bliet u rħula. Waslet Ħal Luqa fis-26 ta' Settembru, 1942. Mal-faċċata tal-knisja ddendlet il-bandiera Maltija. Iż-żewġ kanżini tal-banda ħarġu l-istandardi tagħhom. Il-kappillan Debono għamel diskors li qanqal il-qlub ta' kulħadd. In-nies ta' Ħal Luqa li soffrew forsi aktar minn nies ta' kull naħa oħra ta' Malta marru jagħtu daqqa t'għajn lill-*George Cross* li "għalih għamlu sehem tassew kbir", qalet il-*Berqa* f'rapport taċ-ċerimonja.

Fl-aħħar offensiva mill-ajru kontra Malta (Ottobru, 1942) l-ajruplani Taljani u Ġermaniżi ftit irnexxielhom jersqu lejn Ħal Luqa. Mill-knisja ta' Ħal Luqa kien baqa' biss in-naħa ta' l-artal ta' Santa Marija.

Wara tlett snin ta' skiet il-qniepen reġgħu nstemgħu mill-ġdid fit-8 ta' Mejju, 1943. In-nies bdiet tibki bil-ferħ. Tfal idoqqu fuq l-iskrataċ... bandieri ta; Montgomery u Eisenhower iperpru fit-toroq. Kulħadd kien ferħan!

Meta nġabrna t-tfal l-iskola kien ġie mniedi kompetizzjoni mill-ġurnal Ingliż *Young Malta* bit-tema "The Second World War". Kelli x-xorti li nieħu sehem f'din il-kompetizzjoni u parti mill-premju li rbaħt kienu żewġ inkwadri ta' l-insiġ bl-armi ta' l-allejati tal-gwerra – premju li għadni ngħożzu sal-lum.

Kliem sabiħ fuq Malta fi tmiem l-aħħar gwerra ntqal mill-Ammiral Francis Belot li mar igħid:

> *"Si la Grande Bretagne a gagné la guerre, la petite île de Malta a sauvé la Mediterranée."*
>
> "Jekk il-Gran Brittanja rebħet il-gwerra, l-gżira ċkejkna ta' Malta salvat il-Mediterran".

**ANTHONY VELLA**
191, ST. LUCIA STR.,
VALLETTA
Tel. No. 230729
Sole Agent for:
PUMA®
Available in Stock
Also obtainable from
**TUTTO SPORT**
148 ST. LUCIA STREET,
VALLETTA.
Tel. No.: 236794

